MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 189/2013

**Il-Perit Arkitett Emanuel AGIUS**

**vs**

**Vincent BROWN**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti fit-2 ta' April, 2013** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' mitejn tnejn u tletin euro u erbgha u disghin ċenteżmi ta' euro [€232.94c] u dan wara li ppremetta hekk:

"1. Premess illi b'kuntratt ta' l-10 ta' Jannar 1975 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Robert Girard, l-attur ikkonċeda b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lill-konvenut, li bl-istess titolu aċċetta, porzjoni ta' art jghidula "Tal-Manara" li tinsab fl-Imriehel, fil-limiti ta' Birkirkara, kif ahjar deskritta fl-imsemmi kuntratt notarili, u dan versu l-hlas ta' ċens

annwu u perpetwu ta’ Lm50, illum ekwivalenti ghal €116.47, pagabbli kull sena bil-quddiem.

2. Peress illi l-konvenut baqa ma jhallasx lill-attur l-iskadenzi li ghalqu fid-9 ta’ Jannar 2012 u fid-9 ta’ Jannar 2013, minkejja li gie nterpellat diversi drabi.

3. Peress illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan it-tribunal m’ghandux jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ċenteżmu (€232.94), kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull skadenza.

Bl-ispejjez, inkluż dawk ta’ l-ittri legali datati 21 ta’ Frar 2013 u 12 ta’ Marzu 2013, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fid-19 ta’ April, 2013 ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-8 ta’ Mejju, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mir-rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-8 ta’ Mejju, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tar-rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ mitejn tnejn u tletin euro u erbgha u disghin ċenteżmi ta’ euro [€232.94c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------